# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 232/01mm**

**Anna Antignolo ghan-nom ta'**

**C & H Bartoli Ltd**

**vs**

**Ramazan Ertugrul**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tliet liri Maltin u tnax-il centezmu

(Lm403.12) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ pizza oven u catering equipment iehor mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut skond id-Dok. A. anness, inkluz l-imghax sa’ l-21 ta’ Frar, 2001, skond l-istess Dok. A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tat-18 ta’ Lulju, 2000, u bl-imghax ta’ 8% fis-sena mit-22 ta’ Frar, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-attrici li biha rriduciet it-talba attrici ghall-ammont ta’ tliet mija u tliet liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm303.12).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta’ Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenut.